

*Ġib quddiem għajnejk għodwa lejn l-aħħar ta’ Novembru.* Għodwa għall-bidu tax-xitwa ta’ aktar minn 20 sena ilu. Ipprova pitter f’moħħok kċina, f’dar antika li tkabbret maż-żmien, f’belt żgħira fil-kampanja. Stufa sewda daqsiex tiddomina l-kamra; iżda hemm ukoll mejda kbira tonda kif ukoll fuklar, u quddiemu żewġ pultruni minn dawk li jitbandlu. Proprju llum in-nar fil-fuklar semma’ l-ewwel tfaqqigħ u ċaqċiq tal-istaġun.

Mara b'xagħarha abjad imqarweż qasir tinsab bilwieqfa quddiem it-tieqa tal-kċina. Liebsa papoċċ u ġerżi griż bla forma fuq libsa sajfija tal-qoton. Magħmula żgħira u fuq ruħha qisha tiġieġa tal-kina, iżda marda twila f'żogħżitha ħallietha bi spallejha tant imħattba li jġibulek ħlewwa ta' qalb. Wiċċha b'fattizzi li jiġbdu l-għajn, bħal wiċċ il-President Lincoln, imnaqqax u mħaffer u ismar bix-xemx u r-riħ, iżda delikat ukoll, b'dak l-għadam fin, u b'għajnejha mistħija u lewn il-brandy. "Illami," qalet, b'nifisha jtappan il-ħġieġa tat-tieqa. "Ajru tal-kejkijiet tal-frott dan!"

Miegħi qed titkellem. Għandi seba' snin; hi għandha 'l fuq mis-sittin. Aħna kuġini, mill-bogħod ħafna, u minn dejjem niftakarna ngħixu flimkien. Hemm nies oħra jgħixu fid-dar, qraba tagħna; u minkejja li jiddeċiedu għalina, u spiss ibikkuna, kollox ma' kollox mhux li tant nintebħu wisq bihom. Aħna l-akbar ħbieb ta' xulxin. Hi ssejjaħli Buddy, b'tifkira ta' tifel li fl-imgħoddi kien l-akbar ħabib tagħha. Dak il-Buddy miet ftit wara l-1880, meta kienet tifla żgħira. Fil-verità għadha tifla żgħira.

"Intbaħt malli qomt mill-friex," tgħidli, hi u tagħti daharha lit-tieqa b'eċitament u rieda f'għajnejha. "Il-qanpiena tal-arloġġ tal-qorti nstemgħet inġazzata u ċara. U l-ebda tpespis ta' għasafar jgħannu; passew lejn pajjiżi aktar sħan. Iva, ħija. Ejja Buddy! Ħallik milli tiffanga fl-iscones u mur ġib il-pramm tagħna. Għinni nsib il-kappell. Għandna tletin kejk x'naħmu."

